# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/1790

**tat-12 ta' Frar 2016**

**dwar il-konklużjoni tar-Reviżjoni 3 tal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-adozzjoni ta' preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, it-tagħmir u l-partijiet li jistgħu jintramaw u/jew jintużaw fuq vetturi bir-roti u l-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija abbażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet ("Ftehim Rivedut tal-1958")**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207 tiegħu, flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE tas-27 ta' Novembru 1997 dwar l-adeżjoni mill-Komunità Ewropea għall-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti li tikkonċerna l-adozzjoni tal-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet minnhom li jistgħu jitwaħħlu ma' u/jew jiġu użati fuq vetturi bir-roti u l-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija abbażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) tagħha u l-punt 3 tal-Anness III għaliha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew ([2]),

Billi:

(1) Il-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-adozzjoni tal-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet minnhom li jistgħu jitwaħħlu ma' u/jew jiġu użati fuq vetturi bir-roti u l-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija abbażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet ("il-Ftehim") daħal fis-seħħ fis-16 ta' Ottubru 1995.

(2) L-Artikolu 13 tal-Ftehim jipprovdi għal emendi li jikkonċernaw il-Ftehim innifsu u l-Appendiċijiet tiegħu li għandhom jiġu adottati permezz ta' notifika, minn Parti Kontraenti, tat-test tal-emendi proposti lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, li għandu jgħaddih lill-Partijiet Kontraenti kollha. Jekk l-ebda Parti Kontraenti ma tesprimi oġġezzjoni fi żmien sitt xhur mid-data ta' trażmissjoni tal-emendi proposti mis-Segretarju Ġenerali, l-emendi għandhom jidħlu fis-seħħ għall-Partijiet Kontraenti kollha tliet xhur wara l-iskadenza ta' dak il-perjodu ta' sitt xhur.

(3) Id-WP.29 qabel, fil-150 sessjoni tiegħu li saret f'Marzu 2010, li jistabbilixxi grupp informali bl-għan li dan jgħin lid-WP.29 biex jikkunsidra azzjonijiet dwar id-direzzjoni futura għall-armonizzazzjoni tar-regolamenti dwar il-vetturi skont il-Ftehim. Din id-direzzjoni futura għandu jkollha l-għan li tinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni ta' iżjed pajjiżi u organizzazzonijiet għall-integrazzjoni ekonomika reġjonali fl-attivitajiet tal-Forum Dinji u li żżid in-numru ta' Partijiet Kontraenti għall-Ftehim, billi jittejbu l-funzjonament u l-affidabbiltà tiegħu, u b'hekk jiġi żgurat li l-Ftehim jibqa' l-qafas internazzjonali ewlieni għall-armonizzazzjoni tar-regolamenti tekniċi fis-settur tal-karozzi.

(4) Fil-15 ta' Lulju 2013, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati fi ħdan id-WP.29 biex jiġi emendat il-Ftehim. Il-Kummissjoni nnegozjat, f'isem l-Unjoni, proposti għall-emendar ta' dan il-Ftehim fi ħdan il-grupp informali stabbilit mid-WP.29.

(5) Id-WP.29, fil-162 sessjoni tiegħu li saret f'Marzu 2014, ħa nota tal-proposti għar-Reviżjoni 3 tal-Ftehim imħejjija mill-grupp informali, u stieden lill-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim biex jibdew il-proċeduri nazzjonali tagħhom ta' eżaminazzjoni tal-proposti biex jiġi emendat il-Ftehim.

(6) Fil-164 sessjoni tiegħu, li saret f'Novembru 2014, id-WP.29 ħa nota ta' proposta mressqa minn għadd ta' Partijiet Kontraenti għall-Ftehim biex il-livell limitu tal-votazzjoni b'maġġoranza għall-istabbiliment ta' Regolamenti tan-NU ġodda u għall-emendi ta' Regolamenti tan-NU eżistenti jiżdied minn maġġoranza ta' żewġ terzi għal maġġoranza ta' erbgħa minn kull ħames voti. Ir-rappreżentant tal-Unjoni Ewropea ħabbar l-intenzjoni li tiġi stabbilita pożizzjoni koordinata tal-Istati Membri tal-UE dwar din il-proposta.

([1]) ĠU L 346, 17.12.1997, p. 78.
([2]) Kunsens tas-7 ta' Ġunju 2016 (għadu mhuwiex ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali).

(7) Il-proposti għar-Reviżjoni 3 tal-Ftehim u biex il-livell limitu tal-votazzjoni b'maġġoranza jiżdied minn maġġoranza ta' żewġ terzi għal maġġoranza ta' erbgħa minn kull ħames voti jilħqu l-objettivi ta' negozjar speċifikati fid-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati fi ħdan id-WP.29 għar-Reviżjoni 3 tal-Ftehim.

(8) Għalhekk, l-Artikoli 1 sa 15 u l-Appendiċijiet 1 u 2 tal-Ftehim għandhom jiġu emendati kif meħtieġ.

(9) Dawn l-emendi għall-Ftehim għandhom jiġu approvati f'isem l-Unjoni.

(10) Id-WP.29 għandu jorganizza votazzjoni informali biex jiġi vverifikat jekk jistax jinkiseb il-kunsens tal-Partijiet kontraenti kollha għal dawk l-emendi għall-Ftehim, qabel ma jniedi l-proċedura speċifikata fl-Artikolu 13 tiegħu biex jiġi emendat. L-Unjoni għandha tivvota favur dawk il-modifiki.

(11) Wara li l-vot informali fi ħdan id-WP.29 jkun ikkonferma li l-kunsens tal-Partijiet Kontraenti kollha dwar l-emendi proposti għall-Ftehim ikun inkiseb, il-President tal-Kunsill għandu jinnomina rappreżentant tal-Unjoni li jingħata s-setgħa li jinnotifika, kif previst fil-punt 3 tal-Anness III tad-Deċiżjoni 97/836/KE, it-test tal-emendi proposti lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 13.1 tal-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Ir-Reviżjoni 3 tal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-adozzjoni ta' preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, it-tagħmir u l-partijiet li jistgħu jintramaw u/jew jintużaw fuq vetturi bir-roti u l-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija abbażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet hija b'dan approvata f'isem l-Unjoni.

It-test tar-Reviżjoni 3 jinsab meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu jaħtar lill-persuna li tingħata s-setgħa li tipproċedi, f'isem l-Unjoni, bin-notifika prevista fl-Artikolu 13.1 tal-Ftehim, sabiex tibda l-proċedura għall-konklużjoni tar-Reviżjoni 3 tal-Ftehim u sabiex tesprimi l-kunsens tal-Unjoni Ewropea li tintrabat bir-Reviżjoni 3 tal-Ftehim.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([1]).

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Frar 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J.R.V.A. DIJSSELBLOEM

([1]) Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.